MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## LINO FARRUGIA SACCO

Seduta tat-2 ta' Marzu, 2005

Citazzjoni Numru. 1367/2000/2

White Glove Limited
vs
Ian Portughes

Il-Qorti,

**A. CITAZZJONI:**
Rat ic-citazzjoni tas-socjeta` attrici li biha ppremettiet:

Peress illi l-konvenut kien debitur veru, certu u likwidu a favur tal-attur fis-somma ta' tlett elef lira (Lm3,000) rapprezentanti bilanc minn somma akbar ta' flus li kienu ghadhom dovuta in konnessjoni ma' apparat debitament mibjugh u konsenjat lill-konvenut;

U peress illi ghalhekk kienu jezistu l-elementi kollha rikjesti mil-ligi a tenur tal-artikoli 167-170 Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta stante li d-dejn huwa wiehed cert, likwidu u dovut u l-konvenut ma ghandhux eccezzjonijiet x'jaghti kontra t-

talba ghal hlas tal-istess dejn u l-attur annetta mac-citazzjoni affidavit skond l-artikoli imsemmija, Dok. A;

U peress illi l-konvenut kien gie interpellat inutilment biex ihallas dan id-dejn inkluz permezz ta' ittra legali datata 1 ta' Settembru 1999 oltre ittra ufficjali datata 12 ta' Jannar 2000;

Is-socjeta` attrici talbet lill-Qorti biex:

1. Tiddeciedi skond it-talba bid-dispensa tas-smiegh tal-kawza skond l-artikoli 167-170 Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta;

2. Tikkundanna lill-konvenut ihallas is-somma ta' Lm3,000 favur l-attur bhala bilanc minn somma akbar li kienet ghadha dovuta skond kif spjegat fuq;

Bl-ispejjez u bl-interessi skond il-ligi dekorribbli mid-data tal-fuq indikata ittra ufficjali sad-data tal-pagament effettiv ghas-saldu kontra l-konvenut li gie ngunt ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni tal-fatti, il-lista tax-xhieda, u dokumenti prezentati mis-socjeta` attrici.

**B. ECCEZZJONIJIET:**
Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenut li eccepixxa:
Illi fl-ewwel lok il-konvenut mhux il-legittimu kontradittur, stante li n-negozju sar mas-socjeta` Portughes Dry Cleaning Limited u mhux ma' Ian Portughes personalment.

Illi fit-tieni lok u bla pregudizzju ghall-ewwel eccezzjoni, l-ebda ammont ma kien dovut mill-konvenut lis-socjeta` attrici, billi l-ammont ta' Lm2,500 dovut lill-istess socjeta` attrici a tenur tal-ftehim (u mhux Lm4,000 kif kien qed isostni l-attur) li kien gie iffirmat bejniethom kollu thallas jew kien tnaqqas minhabba tpacija (set off), u dana kif kellu jigi spjegat waqt it-trattazzjoni tal-kawza.

Salvi eccezzjonijiet ohra.

Rat id-dikjarazzjoni tal-fatti u l-lista tax-xhieda prezentati mill-konvenut.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Semghet lix-xhieda bil-gurament.

Semghet l-abili difensuri.

Ikkunsidrat

**C. PROVI:**

Rat li fil-5 ta' Lulju, 2000 il-Qorti diversament presjeduta cahdet it-talba ghas-smiegh a tenur tal-art. 167 tal-Kap 12.

Rat li fit-13 ta' Frar, 2003 din il-Qorti diversament presjeduta (fol 43) cahdet l-ewwel eccezzjoni billi fil-fehma taghha din ma kenitx ippruvata u ddikjarat li l-konvenut kien gie mharrek sewwa u ghandu joqghod fil-kawza.

Rat id-dikjarazzjoni tal-fatti ta' Joseph Zammit f' isem is-socjeta` attrici fejn intqal li l-konvenut kien debitur veru, certu u likwidu a favur tal-attur fis-somma ta' tlett elef lira (Lm3,000) rapprezentanti bilanc minn somma akbar ta' flus li kienu ghadhom dovuta in konnessjoni ma' apparat debitament mibjugh u konsenjat lill-konvenut. Illi fil-fatt il-konvenut bhala sid id-ditta Portughes Dry Cleaning kien xtara minghand l-attur bhala sid id-ditta White Glove Laundry diversi bicciet ta' apparat in konnessjoni man-negozju ta' Dry Cleaning versu l-prezz ta' Lm4,000. Illi l-konvenut kien hallas akkont is-somma ta' Lm1,000 u ghalhekk kien fadal bilanc favur l-attur fis-somma ta' Lm3,000 liema ammont intalab f'dawn il-proceduri. Qabel ma nfethet il-kawza l-konvenut kien gie interpellat inutilment.

Xehed <u>Joseph Zammit</u> Direttur u azzjonista fid-ditta White Glove Limited u semma li l-kumpanija qeghdha fi stadju ta' likwidazzjoni izda ghadha ma gietx likwidata. Semma li fit-23 ta' Settembru 1996 kien sar ftehim bejnu in rapprezentanza tas-socjeta` White Glove Limited u l-konvenut rigward bejgh ta' makkinarju bil-prezz ta'

Lm3,000. Il-konvenut kien qabel li jixtri makkinarju iehor bi prezz ta’ Lm1,000 u ghalhekk it-total kien ta’ Lm4,000. Qal li dan il-ftehim kien gie ffirmat minnu u minn Ian Portughese. Qal li mieghu kien hemm ukoll il-partner tieghu Joe Vella. Ikkonferma d-Dokument B a fol 14 tal-process, liema dokument kien iffirmat kemm minnu kif ukoll mill-konvenut. It-tieni ftehim qatt ma gie ffirmat.

Qal li l-konvenut kien jaf li l-oggetti li xtara kienu uzati u kien ghamel pagamenti li ammontaw ghal Lm1,000. Mit-Lm3,000 bilanc li kien fadallu l-konvenut suppost kellu jhallas Lm250 fix-xahar izda dan il-ftehim qatt ma kien zammu. Semma li kien avzah lill-konvenut li jekk mhux ser ihallas kien ser jibda b’dawn il-proceduri. Semma li l-pagamenti l-konvenut kien jaghmilhom permezz ta’ cheques daqqa Lm100 u daqqa Lm150 u ma kienx tah ricevuti taghhom. In segwitu l-konvenut kien semmielu xi difetti fil-makkinarju izda l-makkinarju kien “second hand” u b’ dan kien jaf il-konvenut.

Rat id-dikjarazzjoni tal-konvenut li qal li referribilment ghall-ewwel paragrafu tad-dikjarazzjoni attrici, l-ebda ammont ma hu dovut lis-socjeta` attrici billi kull ammont dovut lis-socjeta` attrici jew thallas jew kien hemm tpacija (setoff), u dana kif kellu jigi spjegat waqt it-trattazzjoni tal-kawza. Illi referibbilment ghat-tieni paragrafu tad-dikjarazzjoni attrici, huwa veru li kien sar negozju bejn il-konvenut ghan-nom tas-socjeta` Portughes Dry Cleaning Limited u s-socjeta` attrici. Dan in-negozju kien sar versu l-prezz ta’ elfejn u hames mitt Lira Maltin (Lm2,500) u mhux versu l-prezz ta’ erbat elef lira Maltin (Lm4,000) kif kien allega l-attur. Illi referibbilment ghat-tielet paragrafu tad-dikjarazzjoni attrici, il-konvenut apparti li kien hallas l-ammont ta’ elf lira Maltin (Lm1,000), hallas ammonti ohra f’diversi okkazzjonijiet bir-rizultat li huwa kien fadallu jhallas biss is-somma ta’ Lm550. Barra minn dawn il-pagamenti s-socjeta` konvenuta ghamlet xi spejjez in konnessjoni ma’ dan in-negozju, liema spejjez kellhom a tenur ta’ ftehim li kien sar jithallsu mis-socjeta` attrici u ghalhekk kienet saret tpacija. Dawn l-ispejjez kienu jikkonsistu fit-tiswija tal-makkinarju meritu ta’ dan in-negozju, it-trasport ta’ dan l-istess makkinarju, u wkoll il-

hazen ghal aktar minn sena ta' makkinarju iehor mhux meritu ta' dan in-negozju f'mahzen tas-socjeta` konvenuta u dana bir-rata ta' circa mija u hamsa u ghoxrin Lira Maltin (Lm125) fix-xahar. Illi referibbilment ghar-raba' paragrafu tad-Dikjarazzjoniattrici l-konvenut irrileva kuntrarjament ghal dak li sostniet is-socjeta` attrici, l-ebda ammont ma huwa dovut lis-socjeta` attrici.

Xehed il-konvenut li semma li hu Managing Director tad-ditta Portughes Dry Cleaning fejn semma li fl-1996 f'isem il-kumpanija Portughes Dry Cleaning Limited kien xtara minghand is-socjeta` attrici xi makkinarju li jintuza fix-xoghol ta' laundry. Kien sar ftehim bil-miktub fit-23 ta' Settembru 1996 u meta muri d-dokument gharaf il-firma tieghu f'isem il-kumpanija tieghu. Semma li meta kienu marru l-laundry li s-socjeta` attrici kellha gewwa s-Siggiewi, ix-xoghol kien diga` waqaf u la kien hemm dawl u anqas ilma. Qal li urieh xi dryers, xi washing machines, romblu u boiler li kien qallu li meta kienu joperaw kienu jahdmu ghalkemm ma setghux jarawhom jahdmu. In segwitu semma li kienu waslu fi ftehim dwarhom. Ikkonferma l-ammont kif dikjarat fl-iskrittura izda indikat bhala Lm3,500 u dwar il-ftehim l-iehor qal li dak qatt ma kienu waslu fi ftehim fuqu u l-anqas biss huwa ffirmat.

Semma li hu kien zammlu xi makkinarju li l-attur kellu jbiegh lil terzi persuni u dawn suppost kellu jzommhomlu ghal xi xaghrejn, tliet xhur. Qal li l-attur kellu jaghtih makna tad-dry cleaning zghira biex tpatti ghall-ewwel tliet xhur kera. Semma li l-makna tad-dry cleaning ma kenitx tajba u l-makkinarju kien ghamel xi sentejn ghandu. Qal li kien ha l-makkinarju ghandu kien ha hafna tankijiet u rollers extra u hu kien storjahomlu f'wiehed mill-warehouses kif ukoll fuq il-bejt tal-post. Il-kont tat-transporter kien ta' Lm450 u l-attur kien qallu biex ihallsu hu bhala l-ewwel pagament.

Semma li kienu saru pagamenti ohra u esebixxa kopja ta' hames cekkijiet li jammontaw ghal Lm750 li thallsu lill-Bank of Valletta. Qal li dik hija prova li hu kien qed ihallas parti mill-pagamenti mill-kumpanija bhala Portughes Dry Cleaning bhala cekkijiet. Sostna li b'kollox kienu hallsu

Lm1,950 li minnhom Lm750 huma cekkijiet, apparti l-Lm450 li ta ghat-trasport u Lm550 li kienu thallsu lis-Sur Joseph Zammit cash izda tal-Lm550 ma kellux ricevuti. Semma li l-attur kien igib dejjem l-istess karta mieghu li fuqha kienu jnizzlu l-ammonti. Qal li kellu cekk iehor ta' Lm200 ohra li l-Bank ma setax jaghtih kopja tieghu liema cekk kien gie mahrug minnu favur l-attur fis-27 ta' Frar 1997, li hu cekk numru 3188.

Semma li wara xi sena s-Sur Zammit kien ha dryer wiehed izda l-makkinarju l-iehor kien baqa' ghandu. Qal li l-makkinarju rimanenti kellu jarmih u kien hallas xi Lm200 biex garrewh u iddisponew minnu. Semma li kien jaf li l-makkinarju li kien qed jakkwista kien second hand pero` l-attur kien accertah li l-makkinarju kien jahdem. Semma li skond l-iskrittura kien hemm dovut Lm3000 li hu semma u hallas Lm1950. Qal li hu m'ghandux jaghti Lm1050 minhabba l-hsarat li kellu u li kien ilmenta dwarhom mas-Sur Zammit.

Xehed Frans Bajada fejn semma li xi seba' snin qabel ma xehed kien jahdem ma' Portughes Dry Cleaning jaghmel xi xoghol fuq maintenance. Ftakar li s-Sur Portughes kien xtara xi makkinarju minghand is-Sur Zammit liema makkinarju kien jikkonsisti f' horizontal boiler, washing machine xi 45kgs u xi affarijiet ohra. Semma li dwar pagamenti ma kien jaf xejn izda kien jaf li l-makkinarju li kien xtara s-Sur Portughes kien second hand u kellhom xi hsarat li setghu jissewwew. Semma li kien hemm xi affarijet li ssewwew u ohrajn li ma kienx worth it li ssewwihom ghax kienu jiswew hafna flus.

**D. KUNSIDERAZZJONIJIET:**

Illi din il-kawza hija bazata principalment fuq kredibilita` li l-Qorti hi disposta taghti lil kull parti ghax fil-fatt it-tnejn jaghtu verzjonijiet differenti. L-ewwel li jrid jigi stabbilit huwa kemm kien dovut inizzjalment ghax dana huwa dibattut miz-zewg nahat, bl-attur jinsisti li kienu Lm4,000 waqt li l-konvenut Lm2,500. L-uniku dokument iffirmat huwa dak li jinstab a fol 14 tal-process datat 23 ta' Settembru 1996 li fih l-ammont indikat ghal Lm3,000. L-attur jinsisti li kellu jizdied b' Lm1,000 minhabba li zdiedu

xi makni ogra waqt li l-konvenut jinsisti li kien ghal Lm2,500. Il-Qorti thoss li l-ahjar prova li ghandha hija dik ta' dokument iffirmat u ghalhekk sejra tistrieh fuqu u tqis li l-ammont originarjament dovut kien ta' Lm3,000.

Minn dan iridu jonqsu l-ammonti li thallsu. L-attur jinsisti li thallas biss l-ammont ta' Lm1,000 waqt li l-konvenut jinsisti li hallas Lm450 tat-trasport, seba' cheques ammontanti fit-total ghal Lm750, Lm550 cash li m' ghandux ricevuti taghhom, Lm200 cheque iehor li ma setax igib kopja tieghu izda qal li kien datat 27/02/97 u li hallas Lm200 biex jarmi l-materjal. Dwar l-ewwel ammont tat-trasport il-konvenut sostna li kien hallas hu stess din is-somma u hallasha permezz ta' cheque. A fol 64 tal-process kellu jesebixxi kopja tieghu fir-registru tal-Qorti, haga li baqa' ma ghamilhiex, u ghalhekk il-Qorti ma tistax tqis li sar dan il-pagament. Il-Qorti wkoll issib difficilment kredibbli li l-konvenut hallas Lm550 cash u minghajr ricevuti. Ghalhekk sejra tqis li fil-fatt il-konvenut mill-ammont ta' Lm3,000 dovut hallas Lm1000 b' mod li kien halla bilanc ta' Lm2,000.

Il-konvenut sostna li sab hafna difetti fl-oggetti konsenjati u kellu jsewwi l-makni. Irrizulta li hu kien jaf li kienu ***second hand*** ghalkemm sostna li l-attur kien qallu li dawn kienu jahdmu.

Dwar dan l-aspett il-Qorti taghmel referenza ghal dak li ntqal fis-sentenza fil-kawza fl-ismijiet **Paul Galea pro et noe vs Carmel Galea** deciza fil-31 ta' Jannar 2003, mill-Prim Awla tal-Qorti Civili (Cit nru. 891/1990/1) dwar l-Artikolu 1390 tal-Kodici Civili:

"Riferibilment ghat-trasferiment ta' proprjeta` u r-riskju ta' l-oggett mixtri, jinsab enuncjat illi meta x-xerrej jirrifjuta l-oggett li jkun baghtlu l-venditur ghax l-oggett hu hazin u mhux adatt ghall-fini tax-xiri, kif hu dejjem prezunt li ghandu jkun l-oggett mibjugh u javza lill-venditur b'dan ir-rifjut, l-istat ta' fatt ikun daqs li kieku naqas ghal kollox l-oggett tal-bejgh, u kwindi ma hemmx trapass tal-proprjeta` jew tal-periculum rei perditae". Ara f' dan is-sens ukoll

**Francesco Zammit vs Celest Spiteri**, Qorti ta' l-Appell, Sede Inferjuri, 14 ta' Novembru 1953.

Il-Qrati lokali dejjem irritenew li biex ix-xerrej jehles mir-responsabbilta` kontrattwali li kien dahal fiha li jakkwista l-oggett minghand il-venditur, fejn dak l-oggett ma jkunx konformi mal-kampjun jew skond il-kwalita` mwieghda, hu kellu jirrifjutah jew materjalment jew billi jiddepozitah taht l-awtorita` tal-Qorti. Ara f' dan is-sens il-kawza fl-ismijiet **Avv. Dottor Louis Cassar Pullicino nomine vs Pauline Buhagiar nomine**, Appell Civili, 28 ta' April 2000.

Fis-sentenza moghtija fil-kawza fl-ismijiet **John Mary Dalli nomine vs Grezzju Patiniott**, Appell Civili, 19 ta' Mejju 2000, gie inoltre ritenut li:
"Din kienet difiza li l-kompratur seta' javvanza wkoll per via di eccezione jekk il-venditur jinterpellah biex ihallas il-prezz ta' l-oggett in vendita. Mill-banda l-ohra, jekk il-kompratur jaghzel li jzomm l-oggett lilu konsenjat u bl-ebda mod ma jirreagixxi skond kif trid il-ligi ghall-fatt li dak l-oggett ma jkunx skond il-kampjun jew tal-kwalita` pattwita, il-kompratur ikun qieghed jippregudika irrimedjabilment il-posizzjoni tieghu".

Ukoll il-konvenut ma ghamel ebda depozitu fil-Qorti tal-materjal imsemmi apparti mill-fatt li ma hemmx eccezzjonijiet bhala tali fuq dan l-aspett u ghalhekk il-Qorti ma tistax tqis din fil-komputazzjoni tal-ammont dovut.

Huwa veru li l-konvenut zamm diversi oggetti lill-attur fl-imhazen tieghu ghal xi sentejn u wara kellu jarmihom izda bhala tali la ma kienx hemm ftehim dwar il-***quantum*** tal-kera u ghalhekk huwa ferm difficli li l-Qorti tasal ghal ammont dovut hlief bil-kriterji ta' ***arbitrio boni viri*** u qed tistma dan fl-ammont ta' Lm500.

**E. KONKLUZJONIJIET:**

Ghal dawn il-motivi tichad ukoll it-tieni eccezzjoni tal-konvenut u tqis li ghandha tilqa' t-talba attrici fl-ammont ta' Lm1,500 u ghalhekk tikkundanna lill-konvenut ihallas lis-socjeta` attrici Lm1,500 bl-imghax dekorribbli mil-lum.

Spejjez terz (1/3) ghall-attur u zewg terzi (2/3) ghall-konvenut.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------